Avviż Numru CCT 76/11

**Patrick Cilia**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 5 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' seba' mija u għoxrin ewro (€720) rappreżentanti prezz parzjali ta' *solar water heater* li peress li ma kellhomx in stock, talbuh biex jixtri *solar water heater* aktar għoli fil-prezz u r-rikorrenti m'aċċettax.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa ordna *solar water heater* mingħand id-ditta intimata għal prezz ta' elf, tliet mija u għaxar ewro (€1,310) u beda jħallas biż-żmien sakemm kellha toħroġ ir-rebate. Wara ftit żmien ġie nfurmat li ma baqalhomx *solar water heaters* għal prezz ta' elf, tliet mija u għaxar ewro (€1,310) u talbuh aktar flus għall-mudell ieħor. *Di piu* ma kienx ser jieħu rebate fuq il-mudell il-qadim.

L-intimat issottometta illi kien it-tort tar-rikorrenti li ma setax japplika għar-rebate, għax il-mudell li kien hemm ma baqax eleġibli, kif ukoll kienu lesti li jagħtuh il-flus lura li kien ħallas u minħabba xi diżgwid ma sarx il-ħlas.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' l-partijiet, jinnota li r-rikorrenti huwa kredibbli, kif ukoll hemm l-ammissjoni tal-International Sales Direct li jagħtuh il-flus lura.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata International Sales Direct jirrifondu l-ammont ta'seba' mija u għoxrin ewro (€720), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**